MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 940/14LM

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, Robert Borg, sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Robert Borg (K.I. 311373M) għal kull interess li jista' jkollu**

***vs.***

1. **Shaunvic Felice (K.I. 12990M)**
2. **Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera AIG Europe Limited**[1]

**u**

**B'digriet tal-31 ta' Diċembru, 2014 ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis* il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau**

**Il-Qorti,**

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-27 ta' Frar, 2015.

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Citadel Insurance p.l.c.** ***et*** u tal-attur **Robert Borg** ippreżentat minn Dr Philippa Taylor East, debitament awtorizzata biex tirrappreżenta lis-soċjetà attriċi u (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi" u "l-attur"), fit-28 ta' Ottubru, 2014, li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive bin-numru ta' referenza PCC/408/11/113429 il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RLA 001, proprjetà tar-rikorrenti Robert Borg, kienet assigurata mas-soċjetà rikorrenti; u*

2. *Illi fit-30 ta' Ottubru, 2011, waqt li din il-vettura kienet parkeġġjata fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, sfat involuta f'inċident awtomobilistiku tat-tip hit and run, u dan meta l-vettura misjuqa mill-konvenut intimat, bin-numru ta' reġistrazzjoni XON 444, ħabtet fl-istess vettura, bil-konsegwenza li kkawzatilha danni estensivi; illi tali inċident stradali seħħ fil-preżenza ta' Uffiċjal tal-Pulizija li eventwalment waqqfu lill-intimat u anke pproċedew b'azzjoni ġudizzjarja kriminali fil-konfront tal-intimat;*

3. *Illi tali ħsarat li ġarrbet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RLA 001 ġew ikkonstatati minn żewġ Motor Vehicle Surveyors, Natalino Agius – inkarigat mis-soċjetà rikorrenti sabiex iwettaq l-ispezzjoni tal-vettura – u Philip Zammit – inkarigat mir-rikorrenti – li t-tnejn iddikjaraw li l-ħsara kienet estensiva konsegwenza tal-impatt qawwi li ġarrbet; u*

4. *Illi in segwitu għal dan l-inċident awtomobilistiku, ir-rikorrenti Robert Borg ressaq claim mas-soċjetà rikorrenti, u s-soċjetà rikorrenti wettqet il-ħlas lill-assigurat tagħha ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, u dan fl-ammont ta' tletin elf Euro (€30,000), u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; illi s-soċjetà rikorrenti għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi; u*

5. *Illi minn informazzjoni li għandhom l-atturi, il-konvenut intimat kien assigurat mis-soċjetà konvenuta intimata fiż-żmien meta seħħ l-inċident awtomobilistiku inkwistjoni, u għalhekk is-soċjetà intimata hija tenuta li tindenniza lis-soċjetà rikorrenti u dan b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

6. *Illi s-soċjetà rikorrenti interpellat kemm lill-konvenut intimat, kif ukoll lis-soċjetà intimata sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u konsegwenzjali ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, iżda minkejja tali interpretazzjoni, dawn baqgħu inadempjenti;*

7. *Illi għalhekk ir-rikorrenti ġew kostretti li jipproċedu b'din l-istanza;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut intimat Shaunvic Felice unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2011 fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, f'liema inċident awtomobilistiku l-istess intimat, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XON 444, u liema vettura kienet assigurata mas-soċjetà intimata, ħabat fil-vettura proprjetà tar-rikorrenti Robert Borg, bin-numru tar-reġistrazzjoni RLA 001, waqt illi din il-vettura kienet parkeġġjata, u kkawża ħsarat u danni estensivi fil-vettura inkwistjoni.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf Euro (€30,000), jew somma verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

3. *Tordna u tikkundanna lill-konvenuti intimati sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000), jew kwalunkwe somma oħra li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, u dan għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Novembru, 2012, u bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali msemmija, kontra l-intimati, inġunti għas-subizzjoni.*[2]

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Montaldo Insurance Agency Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fis-26 ta' Novembru, 2014 u li ġiet maħlufa minn David Debono, li biha eċċepiet:

1. *Illi għal kull buon fini jiġi rilevat li isem is-soċjetà assiguratriċi konvenuta huwa "Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera AIG Europe Limited" u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni.*

[2] Mar-Rikors Maħluf ġew ippreżentati dok. A, rapport tal-Pulizija nru 6A/N/6571/2011 *a fol.* 4 sa 6 tal-proċess; dok. B, *survey report* imħejji minn Natalino Agius datat 24 ta' Novembru, 2011 *a fol.* 7 tal-proċess; dok. C, *survey report* imħejji minn Philp Zammit datat 24 ta' Novembru, 2011, *a fol.* 8 sa 12 tal-proċess; dok. D, konferma tal-ħlas li sar mis-soċjetà attriċi, u li permezz tiegħu ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, *a fol.* 13 tal-proċess; u dok. E, kopja tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Novembru, 2012 mibgħuta lill-konvenut u lis-soċjetà konvenuta, *a fol.* 14 u 15 tal-proċess.

2. *Illi s-soċjetà assiguratriċi konvenuta tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha magħmula mill-atturi fil-konfront tagħha bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sewwieq Shaunvic Felice qatt ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà assiguratriċi konvenuta u għalhekk is-soċjetà assiguratriċi konvenuta m'għandha tħallas ebda danni lill-atturi.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-vettura XON-444 kienet ġiet misruqa dakinhar tal-inċident u għalhekk għandu japplika r-Regolament 27 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 403.13 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà assiguratriċi konvenuta ġiet involuta f'dawna l-proċeduri sabiex teffettwa l-ħlas tad-danni allegati u pretiżi mill-atturi, u dana biss fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi u l-konvenut Shaunvic Felice ma jagħmilx tajjeb għad-danni huwa stess. Fid-dawl ta' dana, is-soċjetà assiguratriċi konvenuta teċċepixxi minn issa li m'għandha tbati jew teħel ebda spejjeż kemm ta' dawn il-proċeduri u kif ukoll tal-ittra uffiċjali msemmija mill-atturi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-rikors tal-**Fond għall-Protezzjoni u Kumpens** stabbilit ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 403 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-**Motor Insurers' Bureau** (minn issa 'l quddiem "l-intervenuti fil-kawża") ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 2014, fejn talbu:

> *Illi l-kawża fl-ismijiet premessi tirrigwardja inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-30 ta' Ottubru, 2011 meta l-vettura XON 444 misjuqa mill-konvenut Shaunvic Felice daħħlet ġol-vettura RLA 001 proprjetà tal-attur Robert Borg.*
>
> *Illi minkejja li jirriżulta illi l-vettura XON 444 kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni fil-mument tal-inċident, fir-risposta tagħha s-soċjetà konvenuta Montaldo Insurance Agency Limited qed teċċepixxi inter alia illi l-konvenut Shaunvic Felice ma kienx*

*kopert bl-istess polza u li għalhekk m'għandhiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-atturi. L-istess soċjetà intimata qed tippretendi illi l-esponenti għandhom jagħmlu tajjeb huma għad-danni sofferti mill-atturi fl-inċident fuq imsemmi, u dan kif jirriżulta wkoll mill-ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru, 2014 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.*

*Illi għalhekk, mingħajr ebda ammissjoni ta' responsabbiltà da parti tal-esponenti in konnessjoni mal-inċident fuq imsemmi, l-esponenti għandhom interess li jintervjenu fil-kawża fl-ismijiet premessi in statu et terminis ai termini tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-espontenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzahom jintervjenu fil-kawża fl-ismijiet premessi in statu et terminis, salv kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Diċembru, 2014 fejn laqgħet ir-rikors għall-intervent fil-kawża *in statu et terminis* tal-**Fond għall-Protezzjoni u Kumpens** u tal-**Motor Insurers' Bureau**.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat illi għalkemm il-konvenut Shaunvic Felice kien debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni[3], ma ppreżenta ebda risposta

[3] *Vide fol.* 34 u 36 sa 40 tal-proċess.

maħlufa u għalhekk għandu jitqies li hu kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 fejn il-partijiet inkluż il-konvenut kontumaċi Shaunvic Felice, ingħataw terminu għan-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom u l-kawża tħalliet għall-finali trattazzjoni għad-9 ta' Ġunju, 2017.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur, tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenuti fil-kawża.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet, li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku. Fl-istess udjenza l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi, Citadel Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Robert Borg, l-attur l-ieħor fil-kawża, li kien kopert magħha b'assigurazzjoni *comprehensive,* f'din il-kawża qegħdin jaġixxu kemm kontra l-konvenut Shaunvic Felice kif ukoll kontra s-soċjetà konvenuta Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera AIG Europe Limited għall-ħlas fis-somma ta' €30,000 li jirrappreżentaw spejjeż ta' *parts* u xogħol stmati neċessarji għat-tiswijiet fuq l-

vettura ta' Robert Borg, Mercedes Benz RLA 001, li ġiet milquta filwaqt li kienet ipparkeġġjata fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan mill-vettura li kien misjuqha mill-konvenut Shaunvic Felice, li ma waqafx u baqa' jsuq *(hit and run)* sakemm inqabad mill-Pulizija. Il-vettura misjuqa mill-konvenut Felice kienet assigurata f'isem nanntu Frances Camilleri, li kellha polza tal-assigurazzjoni *third party* maħruġa mis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta Montaldo Insurance Agency Limited *nomine* eċċepiet li Shaunvic Felice qatt ma kien assigurat magħha, u minħabba li l-vettura XON-444 misjuqa minn Felice kienet ġiet misruqa dakinhar tal-inċident, għandu japplika r-regolament 27 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 403.13 tal-Liġijiet ta' Malta.[4]

Min-naħa tal-konvenut Shaunvic Felice, dan baqa' kontumaci.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

---

[4] "27. (1) Fil-każ ta' inċident li jinqala' mill-użu ta' vettura misruqa jew vettura miksuba bi vjolenza, u li minnu toħroġ ir-responsabbiltà ċivili, kumpens mill-Fond lill-parti offiża għandu jsir fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (f'dan ir-regolament imsemmija ''l-Ordinanza''):
Iżda, jekk ir-responsabbiltà ċivili tkun fir-rigward ta' danni lil proprjetà, il-Fond għandu japplika *excess* ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) dwar kull ħlas wieħed."
L-artikolu 12(3) tal-Kap. 104 jgħid: "Kull klawżola li tinsab fil-polza tal-assigurazzjoni maħruġa skont l-artikolu 4(1) li teskludi mill-kopertura tal-assigurazzjoni taħt il-polza l-użu jew is-sewqan ta' vetturi bil-mutur minn -
(a) persuni li ma jkollhomx awtorizzazzjoni għaldaqstant espressa jew impliċita; jew
(b) persuni li ma jkollhomx liċenza li tippermettihom isuqu l-vettura bil-mutur inkwistjoni; jew
(ċ) persuni li jiksru l-ħtiġiet tekniċi stabbiliti li jirrigwardaw il-kondizzjoni u s-sigurtà tal-vettura bil-mutur inkwistjoni, tkun invalida fir-rigward ta' talbiet għad-danni minn terzi:
Iżda l-klawżola msemmija fil-paragrafu (a) tista' tiġi invokata kontra persuni li jkunu volontarjament daħlu fil-vettura bil-mutur li l-użu tagħha ikun ikkaġuna l-ħsara jew il-feriment, jekk l-assiguratur awtorizzat jista' jipprova li dawn il-persuni kienu jafu li l-vettura bil-mutur kienet misruqa jew li tkun ġiet użata mingħajr awtorizzazzjoni."

**Jesmond Fenech,** *senior claims handler* tas-soċjetà attriċi Citadel Insurance plc[5] ikkonferma li s-soċjetà attriċi kienet l-assiguratriċi tal-vettura RLA 001 permezz ta' *comprehensive cover* mis-26 ta' Ottubru, 2011 sat-30 ta' Ġunju, 2012[6] maħruġa permezz tal-aġenti tagħhom Thomas Smith Insurance Brokers. L-inċident mertu ta' din il-kawża li kien kopert mis-soċjetà attriċi, ix-xhud jgħid li kien wieħed sempliċi għax kien *hit and run* fuq il-karozza tal-assigurat tagħhom li kellu l-karozza tiegħu pparkjata.

Ix-xhud jispjega li s-soċjetà attriċi kienet inkarigat lis-*surveyor* Natalino Agius, filwaqt li l-assigurat tagħhom inkariga lis-*surveyor* Philip Zammit. Jesmond Fenech ikkonferma l-pagament ta' €30,000 li s-soċjetà attriċi għamlet lill-assigurat tagħha Robert Borg[7] u dan il-pagament kien sar abbażi ta' *estimate* u kien *cash settlement on repairs,* fis-sens li l-assigurat jingħatawlu l-flus minn qabel u mbagħad jagħmel it-tiswijiet l-assigurat. Però min-naħa tas-soċjetà attriċi ma sar ebda ħlas ieħor, ġew kemm ġew l-ispejjeż fir-realtà. Ix-xhud ippreżenta d-*discharge form*[8], li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat biex tkun tista' tirkupra s-somma mħallsa minnha lill-assigurat tagħha.

In kontroeżami x-xhud Jesmond Fenech spjega li l-vettura tal-attur Robert Borg kienet tiswa madwar €70,000. Iż-żewġ *surveys* imsemmija kienu jaqblu fil-konklużjonijiet tagħhom u li l-ammont tal-ispejjeż kif stmati kien ferm inqas mill-valur tal-vettura tal-attur Robert Borg.

---

[5] *A fol.* 44 sa 47 u 56 sa 58.
[6] Kopja tal-polża ġiet ippreżentata mix-xhud *a fol.* 52 u 53.
[7] Kopja ta' ċekk datat 27.03.12 maħruġ lil Robert Borg jinsab esebit *a fol.* 13.
[8] *A fol.* 59 u 60.

**Natalino Agius,** *surveyor*, ikkonferma r-rapport tiegħu li ġie ppreżentat flimkien mar-rikors promotur. Hu jispjega li hu assessur indipendenti u ġie mqabbad mis-soċjetà attriċi biex jipprepara rapport tal-ħsarat. Ix-xhud jgħid li l-vettura RLA 001 kellha *mileage* baxx ta' xi 23,000 kilometri f'erba' snin u kienet riparabbli. Agius spjega li l-assigurat Robert Borg qabbad bħala *surveyor* lil Philip Zammit u jgħid li huwa kien ra l-vettura kemm waħdu u kemm flimkien ma' Zammit.

In kontroeżami Natalino Agius jgħid li għalkemm il-vettura kienet inxtrat *second-hand* mill-Ingilterra, jgħid li kienet tiswa mas-€60,000, però ġdida kienet tiswa 'l fuq minn €100,000. Natalino Agius qal li kien qabel ma' Zammit ukoll li kien hemm bżonn madwar €4,000 tiswijiet u €26,000 bħala *parts* x'jinbidlu.

Is-*surveyor* l-ieħor **Philip Zammit**[9] filwaqt li kkonferma r-rapport tiegħu, jgħid li kien hemm involut bħala *surveyor* Natalino Agius kif ukoll is-*surveyor* Philip Attard daparti tas-soċjetà konvenuta, u jgħid li anki dan tal-aħħar qabel mal-konklużjonijiet tagħhom. Il-vettura RLA 001 ma kinitx *beyond economic repair* peress li l-prezz tax-xogħol u l-*parts* kienu ferm inqas milli kemm kienet verament tiswa l-vettura.

Skont il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2016, l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta, iddikjara li ma kienx qed jiġi ikkontestat l-fatt li Robert Borg effettivament tħallas is-somma ta' €30,000 mis-soċjetà attriċi.

[9] *A fol.* 67 sa 70.

Xehed ukoll **Joseph Cassar,** *senior claims handler* mas-soċjetà konvenuta[10], li ppreżenta *schedule of insurance* tal-vettura bir-reġistrazzjoni XOL 444[11], li kienet misjuqa mill-konvenut meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, li kienet tkopri l-perjodu mis-27 ta' Ġunju, 2011 sal-31 ta' Mejju, 2012. Din il-vettura kienet reġistrata fuq isem Frances Camilleri bħala assigurata. Ix-xhud spjega li mir-rapport tal-Pulizija rriżulta illi l-konvenut fil-mument tal-inċident ma kellux liċenzja tas-sewqan u kien ukoll fuq *bail* minħabba reat. Cassar qal li kien kellem lil Frances Camilleri li tiġi n-nanna tal-konvenut u minħabba li fir-rapport ingħad li l-vettura kienet insterqet minn quddiem id-dar tagħha, hu kien qalilha li ser ikun hemm problema biex titħallas mill-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni kienet *third party* u kienet tkopri kull sewwieq ta' 'l fuq minn 25 sena.

Prodott in kontroeżami mill-intervenuti fil-kawża, ix-xhud jgħid li kienu bagħtu lil Frances Camilleri ittra uffiċjali biex tagħtihom lura ċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni. Ix-xhud ma tantx kien ċar dwar x'kienet qaltlu Frances Camilleri. Jgħid li għall-ewwel kienet qaltlu li l-karozza kienet insterqet u mbagħad kienet qaltlu li l-konvenut kien qabad u ħadilha l-karozza mingħajr ma kien qalilha. Joseph Cassar jgħid li daparti tas-soċjetà konvenuta ma kinux staqsew lil Frances Camilleri jekk kienx sar rapport lill-Pulizija dwar 'is-serqa'. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Settembru, 2011[12] li s-soċjetà konvenuta kienet bagħtet lil Frances Camilleri fejn kienu tawha *seven day's notice of cancellation* u talbuha tagħtihom lura l-*Motor Insurance Certificate*, li kien l-ewwel pass biex tiġi annullata l-*policy* minħabba informazzjoni ħażina li tat fil-*proposal.* Ix-xhud jgħid ukoll li din l-*policy* ma

[10] Xhieda u kontroeżamijiet *a fol.* 85 sa 89 u 118A sa 118F tal-proċess.
[11] *A fol.* 90 sa 96.
[12] *A fol.* 121 u 122.

kinitx valida għax skont it-*traffic accident report*[13], Frances Camilleri kienet iddikjarat mal-pulizija li hi ma kinitx iffirmat il-*proposal form,* apparti li meta seħħ l-inċident il-konvenut Shaunvic Felice, in-neputi tagħha, kien għadu ma għalaqx il-25 sena u ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Però meta ttellgħet tixhed mis-soċjetà konvenuta, **Frances Camilleri**[14] qalet li n-neputi tagħha l-konvenut Shaunvic Felice kien talabha biex jassigura l-vettura fuq isimha minħabba li kien infired minn mat-tfajla li kellu. Skont Frances Camilleri din il-vettura qabel kienet assigurata fuq it-tfajla tan-neputi tagħha. Camilleri mara ta' ċerta età, ma dehret xejn konvinċenti fir-risposti tagħha u ma tatx spjegazzjoni loġika għalfejn in-neputi kien ħalla magħha l-vettura u ta ċ-ċavetta tal-vettura meta hi ma kinitx issuq. Camilleri qalet li ma tafx jekk Shaunvic Felice kellux ċavetta oħra għandu u bidlet il-verżjoni tagħha dwar jekk il-karozza kinitx misruqa jew jekk in-neputi tagħha kienx sempliċement qabad u ħadha. Din ix-xhud waqt li kienet qiegħda tiddeponi dehret imfixxkla sew u tagħti l-impressjoni li daħlet f'biċċa inkwiet intortament minħabba n-neputi tagħha. Waqt id-depożizzjoni tagħha ħin minnhom tgħid illi ma kienet taf xejn x'ġara għax dakinhar tal-inċident kienet ġejja minn ġurnata twila tax-xogħol. Imbagħad tgħid illi kienu qajjmuha tal-familja tagħha biex jgħidulha x'ġara, apparti li ppruvat ukoll tevadi d-domandi.

Ix-xhud l-**Ispettur Luke Bonello**[15] kkonferma li l-konvenut Shaunvic Felice ma kellux liċenzja tas-sewqan u li l-karozza XON 444 kienet reġistrata fuq isem in-nanna tiegħu Frances Camilleri. L-Ispettur Bonello jgħid illi meta l-Pulizija pproċediet kriminalment kontra Shaunvic Felice, dan kien ammetta l-akkuża tal-*hit and run*.

[13] *A fol.* 123 u 124.
[14] *A fol.* 102 sa 105.
[15] *A fol.* 100 *et seq.*

Xehed ukoll **Stephen Cachia**[16] mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta li kkonferma li l-vettura Volkswagen Passat XON 444 li kienet involuta fl-inċident, kienet assigurata fuq Frances Camilleri u jgħid ukoll illi ma jirriżultalux li kien hemm kanċellament tal-polza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok irid jingħad li għalkemm il-konvenut Shaunvic Felice kien kontumaċi, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni.

Illi l-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> "biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-att trid tiġi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" - **Benny Zaffarese *nomine* *vs.* Maximillian Castagna *nomine***, Appell, 30 ta' Gunju, 1997; **Costantino Abela *vs.* George Azzopardi**, Appell, 28 ta' Mejju, 1990). Minn dan jitnissel illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;
>
> Dan iwassal għal din ir-riflessjoni l-oħra. "Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok ghall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII, P. I, p. 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI, P. II, p. 234**);

[16] *A fol.* 108 sa 109.

> Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (**Kollez. Vol. XXIX, P. III, p. 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom" - **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[17]

Barra minn hekk ġie ritenut ukoll illi:

> "Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti".[18]

Illi għaldaqstant fejn tissusisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, is-soċjetà attriċi għandha tipprova l-każ tagħha daqslikieku l-konvenut ikkontesta l-kawża.

Illi mill-provi mressqa, jirriżulta ampjament illi r-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża hija unikament tal-konvenut Shaunvic Felice peress li dan kien każ ta' *hit and run* ma' vettura pparkeġġjata. Fil-fatt l-Ispettur Luke Bonello kkonferma fix-xhieda tiegħu li l-konvenut Shaunvic Felice kien ammetta l-akkużi kontra tiegħu fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti mill-Pulizija.

[17] Appell Ċivili (Għawdex) fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.

[18] P.A., **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, 30.06.1995. Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Reuben Belli *vs.* Yordon Marinov,** 23.02.2017.

Mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta ampjament illi Shaunvic Felice kien responsabbli għall-inċident *hit and run* li seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2011 li kkawża ħsarat estensivi fuq l-vettura RLA 001 proprjetà tal-attur Robert Borg, apparti li fl-attentata ħarba tiegħu, Shaunvic Felice kien responsabbli wkoll ta' ħsarat f'diversi vetturi oħrajn.

Illi l-*onus probandi* għar-rigward tal-*quantum* tad-danni kien jispetta lis-soċjetà attriċi, għax kif inhu risaput il-Qorti trid tiddeċiedi mhux biss skont il-liġi iżda wkoll abbażi tal-provi li jiġu ppreżentati quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-attur irid għalhekk jipprova t-talbiet tiegħu, is-soċjetà konvenuta trid tissostanza dak li qiegħda tallega fl-eċċezzjonijiet tagħha.

Tqis illi mir-rapporti u x-xhieda tas-*surveyors* m'hemmx dubju li l-provi mressqa mis-soċjetà attriċi għar-rigward tal-*quantum* tad-danni, kienu biżżejjed biex din tipprova l-każ tagħha.

Tqis ukoll li s-somma ta' €30,000 li tħallset mis-soċjetà attriċi lill-assigurat tagħha Robert Borg, effettivament tirrappreżenta danni reali li sofra l-attur Robert Borg waqt il-ħabta *hit and run* mertu ta' din il-kawża, u din is-somma tħallset mis-soċjetà attriċi biex eventwalment isiru t-tiswijiet meħtieġa fuq il-vettura ta' Borg. Oltre dan is-soċjetà konvenuta ma kkontestax il-fatt li s-soċjetà attriċi ħallset €30,000 lill-attur Robert Borg, l-assigurat tagħha.

Tqis għalhekk li din is-somma ta' €30,000 hija ċertament dovuta mill-konvenut Shaunvic Felice bħala danni kkawżati minnu lill-attur Robert Borg, dwar liema danni lis-soċjetà attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu bil-ħlas għas-saldu favur l-attur tal-imsemmija somma ta' €30,000. Għaldaqstant dak li jkun fadal x'jiġi stabbilit mill-Qorti huwa jekk l-imsemmija somma għandhiex tagħmel tajjeb għaliha wkoll is-soċjetà konvenuta.

Tqis illi f'dawn il-proċeduri l-intervenuti fil-kawża ma jistgħux jiġu assoġġettati għall-ġudizzju jew liberati u dan minħabba li fl-istitut tal-intervenut *in statu et terminis*[19], l-intervenut ma jistax la jiġi kkundannat għall-ħlas tal-mertu u lanqas tal-ispejjeż u lanqas jista' jitlob rimbors tal-ispejjeż tiegħu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Fiorentino *et vs.* David Jones *noe.***[20] kien intqal is-segwenti:

> "Il-Qorti tirreferi għal pronunzjament fil-kawża **Alex Azzopardi *vs.* Anna Ellul *et***, (P.A., 29.10.2010) fejn għamlet riassunt ta' dawn il-prinċipji li jirregolaw il-materja u qalet hekk:
>
> Għalhekk, in suċċint, il-pożizzjoni tal-intervenut fil-kawża a distinzjoni tal-kjamat in kawża, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob għall-ħlas tal-ispejjeż tiegħu u anqas jista' jiġi ikkundannat għall-ispejjeż. L-intervenut ma jistax jiġi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut fil-kawża u viċe versa u normalment ma tistax sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawża. L-intervenut fil-kawża għandu jkollu interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu. Hu jista' jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Hu m'għandux id-dritt li jippreżenta eċċezzjonijiet ġja deċiżi.
>
> Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap. 12 dwar il-kjamat in kawża jingħad li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull konvenut ieħor u li

[19] L-artikolu 960 tal-Kap. 12.
[20] P.A., 05.11.2013.

bħala tali għandha jedd tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawża. L-intervenut ma jsirx leġittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'liġi espressa kunsidrat konvenut fil-kawża. Il-Qorti għandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet tal-intervenut fil-kawża u għalhekk tiddeċiedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis illi għandha tintrabat magħhom biex tirregola dak li jista' u ma jistax jagħmel l-intervenut.

Bla dubju l-intervenuti għandhom interess ġuridiku dirett u soġġettiv f'dawn il-proċeduri billi d-deċiżjoni ser taffettwa l-proprjetà li tagħha huma proprjetarji. Kif intqal fis-sentenza **Testaferrata Bonici *et vs.* Micallef *et*,** (App Inf 10.01.2007):

Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skont l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l-istess oġġett sostanzjali tal-kawża, dan jiġġustifika dak li mill-prattiċi huwa denot bħala "simultaneus processus";

Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke "*sostenendo la ragione sia dell'attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell'uno che dell'altro, provocare una decisione entro i limiti dell'azione intentata"* (Kollez. **Vol. XVI, P. I, p. 117**).

Huwa veru illi skont il-vot tal-liġi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il-proċediment. B'danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (Kollez. **Vol. XXXII, P. I, p. 477**). Minn dan jitnissel illi ladarba akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux

> deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara **Joseph Galea *vs.* Alfred Cardona**, Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju, 1987 u l-każistika f'din kompendjata;"

Illi fl-aħħar nett irid jiġi deċiż jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli flimkien mal-konvenut Shaunvic Felice għall-ħlas tal-imsemmija somma ta' €30,000 abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura XOL 444.

Mill-provi li ġew imressqa mill-partijiet, il-Qorti mhijiex konvinta li l-vettura XOL 444 ttieħdet b'serq jew vjolenza mill-konvenut Felice minn wara l-bieb ta' nanntu Frances Camilleri, li evidentement kienet taf li n-neputi tagħha Shaunvic Felice kien qed juża regolarment din il-vettura. Anzi il-Qorti tinsab konvinta li Frances Camilleri, in-nanna tal-konvenut, kienet taf għalfejn l-assigurazzjoni tal-imsemmija vettura saret proprju fuq isimha u kienet taf li l-vettura kien ser ikompli jużaha l-konvenut. Frances Camilleri ammettiet quddiem il-Qorti li kienet hi li ffirmat il-*proposal form,* mhux kif stqarret quddiem il-Pulizija fejn kienet qalet li ma kienet iffirmat xejn. Tqis għalhekk illi bl-ebda mod is-soċjetà konvenuta ma ppruvat li l-polza tal-assigurazzjoni kienet maħruġa fuq firem foloz.

Mill-provi jirriżulta illi Frances Camilleri biex taġevola lin-neputi tagħha Shaunvic Felice, kienet aċċettat li l-polza tal-assigurazzjoni tal-imsemmija vettura tkun fuq isimha, allavolja l-karozza kien xtraha u baqa' jużaha Shaunvic Felice.[21] Li l-vettura effettivament kienet ta' Shaunvic Felice u fil-pussess u l-kontroll tiegħu, tenut kont li n-nanna tiegħu ma tafx issuq, wieħed jista'

[21] "Ġie u qalli ħa ndawwar il-karozza fuq ismek. Għidtlu iva jien. Il-karozza, il-Passat fuq ismi, kienet tiegħu. Jien ma xtrajtx karozzi." - *a fol.* 103 *retro.*

jiddeduċi dan ukoll min-*number plate* tal-istess vettura 'XON'. Meta xtara din il-vettura, Shaunvic Felice kien irreġistraha fuq isem it-tfajla tiegħu Amanda Borg u meta r-relazzjoni ma' din it-tfajla intemmet, Shaunvic Felice qaleb ir-reġistrazzjoni tal-karozza fuq nanntu Frances Camilleri li lanqas biss kienet issuq u ma kellhiex liċenzja tas-sewqan. Frances Camilleri fix-xiehda tagħha tgħid li ma kinitx taf fejn kienet qiegħda tinżamm ipparkjata il-vettura, jekk hux quddiem id-dar tagħha jew x'imkien ieħor u għad li kienet iżżomm ċavetta tal-istess vettura fuq il-*mircrowave* fil-kċina tagħha, hija ma tafx jekk in-neputi tagħha kellux ċavetta *spare* tal-istess vettura.

Tqis għalhekk illi minkejja r-reġistrazzjoni tal-vettura XOL 444 kienet fuq isem Frances Camilleri, din kienet hekk biss għall-formalità u għall-pura konvenjenza ta' Shaunvic Felice sabiex ikun jista' jżomm din il-vettura mixtrija minnu fit-triq, peress li huwa ma setax jagħmel dan f'ismu stante li ma kellux liċenzja valida tas-sewqan.

Tqis għalhekk li mill-provi prodotti ma jirriżultax illi Shaunvic Felice ħa l-vettura inkwistjoni lil nanntu mingħajr il-permess tagħha u wisq inqas li dan kien seraqilha, għax il-vettura kienet u baqgħet fil-pussess u fil-kontroll tiegħu u kienet tinstaq minnu.

Illi jirriżulta mill-karta tal-identità tal-konvenut u anki mill-provi prodotti li l-vettura XOL 444, meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, kienet qed tiġi misjuqa minn persuna taħt il-25 sena, mentri il-vettura kienet assigurata biss fir-rigward ta' sewwieqa ta' 'l fuq minn 25 sena. Illi ġie ppruvat ukoll li l-konvenut Shaunvic Felice waqt l-inċident inkwistjoni saq il-vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

Illi mill-provi jirriżulta però li l-informazzjoni li ngħatat fil-*proposal form* ma kinitx kompleta u tħallew fatti importanti neqsin fiha u li kieku s-soċjetà konvenuta kienet taf l-użu aħħari tal-vettura x'kien se jkun, ċjoè biex tintuża mill-konvenut Shaunvic Felice, is-soċjetà konvenuta ma kinitx toħroġ il-polza tal-assigurazzjoni. Kif ingħad fis-sentenza **Middle Sea Insurance p.l.c. *vs.* Emanuel Ciantar u l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u Motor Insurers' Bureau**[22]:

> "Huwa principju ġuridiku fundamentali li l-kuntratt ta' assigurazzjoni għandu jkun regolat bil-*massima bona fede*, u dan mhux biss fil-kors ta' l-esekuzzjoni tiegħu, imma wkoll fit-trattativi sakemm jiġi konkjuż u l-polza magħruġa" (**Adriano Cassar Galea *noe vs*. Paul Cuschieri**, App Ċiv 31.07.1996).
>
> In kwantu bażat fuq in-nozzjoni tal-*uberrimae fidei* kuntratt bħal dan għandu jirrivesti l-*bona fede* fil-perkors u durata kollu tiegħu. Hekk per eżempju jinsab assodat illi:
>
> "l-*proposal form* hija parti ntegrali tal-polza tal-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza magħmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (**Antonio Zammit vs. Joseph Micallef *noe***, App. Kum. 31.01.1952; **Joseph Micallef *noe vs*. Roman Vella**, PA, 06.04.1973; **Joseph Muscat *vs*. Joseph Gasan *et noe***, App. 06.10.1999 u **Salvu Briffa *vs*. Walter Camilleri *noe***, App. 09.02.2001).
>
> Dwar x'kien meqjus bħala materjali ġie ritenut illi:
>
> "*A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge*". (ara Bird. *Modern Insurance Law, 4th Ed. page 107* u sentenza **Carter *vs*. Boehm**).[23]

[22] P.A., 17.02.2014.
[23] Dwar x'inhu fatt sostanzjali (*material fact*) ara pereżempju s-sentenza **Calicidon Vella *vs.* GasanMamo Insurance Agency Limited *nomine***, P.A., 07.03.2008.

> *"Reasonable insurer test. Everything is material which will guide a reasonable insurer in determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions".* (**March Cabaret Club and Casino Ltd *vs.* Thomson and Bryant Ltd.** (1975)).
>
> *"The fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material"* (*Fire and Motor Insurance: Ivamy 3rd edition*, (1978) p.203)."

Però dawn ir-regoli huma applikabbli biss bejn l-assigurat u s-soċjetà assiguratriċi imma mhux fir-rigward ta' terzi persuni, senjatament il-vittmi jew il-parti leża f'inċidenti stradali. Permezz tal-Att XXX tal-2002 u bl-Avviż Legali 92 tal-2004, kienet ġiet introdotta klawsola tassattiva fil-Kap. 104, l-Att dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Muturi għar-Riskji ta' Terzi Persuni, li tolqot direttament l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta rigward in-nullità ta' restrizzjonijiet dwar l-iskop tal-poloz u ta' kuntratti li jirrestrinġu r-responsabbiltà. Di fatti l-artikolu 12(3) tal-Kap. 104 kif jaqra llum, jinvalida l-esklużjoni ta' dmir ta' pagament lit-terz minħabba li persuna sewwieqa ma jkollhiex liċenzja jew ma jkollhiex awtorizzazzjoni għaldaqstant espressa jew impliċita jew għal raġunijiet oħra simili.

Illi għar-rigward ta' dak li ssostni s-soċjetà konvenuta li s-sewwieq tal-vettura Shaunvic Felice ma kellux l-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, l-artikolu 12(3) tal-Kap. 104 jagħmilha ċara:

> "(j) l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura, m'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1)."

Illi kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agency Limited *nomine vs.* Simon Tabone**[24]:

> "Rigwardata taħt it-tieni aspett, senjatament l-art. 12 tal-Kap. 104, ġie sewwa raġunat mis-soċjetajiet appellati illi f'kull każ is-soċjetà assikuratriċi hija obbligata li tindennizza lit-terz danneġġjat għall-ħsarat sofferti u dan nonostante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva 'għall-età ta' min ikun qed isuq il-vettura' – subparagrafu (f) tal-Artikolu 12(1).
>
> …
>
> Minn dak deżunt mill-Kap. 104 huwa ovvju li l-Qorti ma tistax tintrattjeni talba li tippermetti lis-soċjetà appellant biex, kif jingħad minnha, l-kundanna mposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tiġi riżarċita direttament minnha. Anke jekk talvolta s-soċjetà appellanti għandha raġuni serja u valida biex il-polza ma tirrispondiex fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raġuni, kif fuq manifest skont it-test tal-liġi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneġġjat."[25]

L-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li l-konvenut Shaunvic Felice ma kienx kopert bil-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà assiguratriċi, hija legalment insostenibbli għaliex hija l-liġi stess li tinvalida ossija tirrendi ineffettiva din l-eċċezzjoni tas-socjetà konvenuta, salv kull dritt tas-soċjetà konvenuta *si et quatenus* kontra l-assigurata tagħha kif ukoll kontra l-konvenut is-sewwieq mhux liċenzjat jew awtorizzat.

Illi għalhekk a tenur tal-Kap. 104 is-soċjetà konvenuta hija tenuta li tagħmel tajjeb għad-danni kkaġonati mill-konvenut Shaunvic Felice lill-attur Robert Borg li kien issuroga lis-soċjetà attriċi fid-drittijiet tiegħu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi wara li tħallas mis-soċjetà attriċi għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000).

---

[24] 28.04.2004 (PS).

[25] Ara wkoll **Koronata Azzopardi *et vs.* Paul Sultana *et.,*** Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), 15.04.2008.

**Decide**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi billi:**

**(1) Tiddikjara lill-konvenut Shaunvic Felice unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2011 fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, f'liema inċident awtomobilistiku l-istess konvenut, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XON 444, u liema vettura kienet assigurata mas-soċjetà konvenuta, ħabat fil-vettura proprjetà tal-attur Robert Borg bin-numru tar-reġistrazzjoni RLA 001, filwaqt illi din il-vettura kienet ipparkeġġjata, u kkawża ħsarat u danni estensivi fil-vettura inkwistjoni;**

**(2) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti Shaunvic Felice u Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera AIG Europe Limted, iħallsu *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Robert Borg, sija bil-polza u sija bil-liġi, is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000), bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Novembru, 2012.**

**(3) Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.